

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għoddha ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/91/KE**

**tas-6 ta' Ottubru 2003**

li twaqqaf il-miżuri ta'implimentazzjoni għall-għanijiet ta' Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE rigward il-karatteristiċi li għandhom jiġu inklużi bħala minnu minn mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta'ċerti varjetajiet ta'speċi ta' ħaxix

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 254, 8.10.2003, p. 11)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

|             |  | Nru    | Paġna | Data      |
|-------------|--|--------|-------|-----------|
| ► <u>M1</u> | Direttiva tal-Kummissjoni 2006/127/KE tas-7 ta' Diċembru 2006                  | L 314M | 411   | 1.12.2007 |
| ► <u>M2</u> | Direttiva tal-Kummissjoni 2007/49/KE tas-26 ta' Lulju 2007                     | L 195  | 33    | 27.7.2007 |
| ► <u>M3</u> | Direttiva tal-Kummissjoni 2008/83/KE tat-13 ta' Awwissu 2008                   | L 219  | 55    | 14.8.2008 |
| ► <u>M4</u> | Direttiva tal-Kummissjoni 2009/97/KE tat-3 ta' Awwissu 2009                    | L 202  | 29    | 4.8.2009  |
| ► <u>M5</u> | Direttiva tal-Kummissjoni 2010/46/UE tat-2 ta' Lulju 2010                      | L 169  | 7     | 3.7.2010  |
| ► <u>M6</u> | Direttiva ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni 2011/68/UE tal-1 ta' Lulju 2011 | L 175  | 17    | 2.7.2011  |

**▼B****ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/91/KE****tas-6 ta' Ottubru 2003**

li twaqqaf il-miżuri ta'implimentazzjoni għall-għanijiet ta' Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE rigward il-karatteristiċi li għandhom jiġu inklużi bħala minimu ottenut mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta'ċerti varjetajiet ta'speċi ta' ħaxix

(Test b'relevanza għaż- ŻE€)

**IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kunsidrat Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ħaxix <sup>(1)</sup>, kif ġie emend minn Direttiva 2003/61/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2)(a) u (b) tiegħi,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 72/168/KEE ta'l-14 ta' April 1972 tistabbilixxi l-karatteristiċi u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżaminazzjoni tal-varjetajiet differenti ta'ħaxix <sup>(3)</sup>, kif ġiet emendata mid-Direttiva 2002/8/KE <sup>(4)</sup> tistabbilixxi, wara li tikkonsidra l-aċċettazzjoni uffiċċiali tat-tipi differenti fil-katalgi ta'l-Istati Membri, l-karatteristiċi li għandhom jiġu meqjusa bħala minimu mill-eżami ta' speċi varji, kif ukoll il-ħtiġijiet minimi biex iseħħu l-eżamijiet..
- (2) Linji gwida ta' prova rigward il-kondizzjonijiet għall-eżami tal-varjetajiet differenti li ġew stabbiliti mill-Kunsill Amministrattiv ta'l-Ufficċċju tal-Pjanti Varji fil-Komunità (CPVO) stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 rigward id-drittijiet Komunitarji dwar il-varjeta tal-pjanti <sup>(5)</sup>, kif ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 1650/2003 <sup>(6)</sup>, rigward ċerti speċi.
- (3) Linji gwida ta' prova li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-eżaminazzjoni tal-varjetajiet differenti jeżistu fuq il-livell internazzjonali. L-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Varjetajiet Ġodda ta'Pjanti (UPOV) żviluppat linji gwida ta'prova.
- (4) Id-Direttiva 72/168/KEE ġiet emendata minn Direttiva 2002/8/KE biex tiġi assigurata l-konsistenza bejn il-linji gwida ta' prova tal-CPVO u l-kondizzjonijiet għall-eżaminazzjoni tal-varjetajiet differenti bil-għan li dawn jiġu aċċettati fil-katalgi nazzjonali tal-varjetajiet ta' l-Istati Membri, sakemm kienu ġew stabbiliti l-linji ta'gwida tal-CPVO. Minn dak iż-żmien il-CPVO ħarġet linji ta'gwida għal numru ta'speċi oħrajn.

<sup>(1)</sup> ĠU L 193, ta' l-20.07.02, p. 23.

<sup>(2)</sup> ĠU L 165, tat-03.07.03, p. 23.

<sup>(3)</sup> ĠU L 103, tat-02.05.72, p. 6.

<sup>(4)</sup> ĠU L 37, tas-07.02.02, p. 7.

<sup>(5)</sup> ĠU L 227, ta' l-01.09.94, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 245, tad-29.09.03, p. 28.

**▼B**

- (5) Huwa xieraq li tiġi assigurata l-konsistenza bejn il-linji gwida ta'prova ta' CPVO u l-kondizzjonijiet għall-varjetajiet, bil-għan li dawn jiġu aċċettati fil-katalogi nazzjonali ta'l-Istati Membri.
- (6) Huwa xieraq li s-sistema tal-Komunità tkun ibbażata fuq il-linji gwida ta'prova tal-UPOV, sakemm il-CPVO ma tkunx għada żviluppat linji ta' gwida speċifiċi. Il-liġi nazzjonali tapplika għall-ispeċi li m'humiex inklużi fi ħdan din id-Direttiva.
- (7) Id-Direttiva 72/168/KEE għandha għaldaqstant tiġi mħassra.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti taż-Żerriegħa u Materjal ta'Tnissil għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u Forestrija.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdū għal din l-inklużjoni f'katalgu nazzjonali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) ta' Direttiva 2002/55/KE ta'varjetajiet ta'speċċi ta'ħaxix li jaderixxu l-ħtiġijiet imniżżla fil-paragrafu 2.

2. Rigward preċiżjoni, stabilità u uniformitá:

- (a) l-ispeċi mniżżla fl-Anness I għandhom iħarsu l-kondizzjonijiet stabiliti fil-'Protokoll għall-provi ta'preċiżjoni, stabilità u uniformitá tal-Kunsill Amministrattiv ta'l-Uffiċċju tal-Pjanti Varji fil-Komunità (CPVO) imniżżla f'dak l-Anness;
- (b) l-ispeċi mniżżla fl-Anness II għandhom iħarsu l-linji gwida ta' prova għas-seħħ ta'provi ta' preċiżjoni, stabbilità u uniformitá ta'l-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Varjetajiet Ġodda ta'Pjanti (UPOV) mniżżla f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

Il-karatteristiċi ta'varjetá fi ħdan it-tifsira mogħtija fl-Artikolu 1(2)(a), u kwalunkwe karatteristiċi markati b' asterisk (\*) fil-linji gwida ta'prova msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) għandhom jiġu użati, sakemm l-osservazzjoni ta' karatteristika ma tkunx tħalliet minħabba fl-espressjoni ta' kwalunkwe karatteristiċi oħrajn, u sakemm l-espressjoni ta' karatteristika m'hix ostakolata mill-kondizzjonijiet ambjentali li fihom tkun qed isseħħ il-prova.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li fil-każ ta'l-ispeċi mniżżla f'L-Annessi I u II, il-ħtiġijiet minimi biex iseħħu l-eżamijiet tad-disinn ta'prova u tal-kondizzjonijiet ta'tkabbir, kif stabbiliti fil-linji gwida ta'prova msemmija f'dawk l-Annessi jiġu mħarsa fil-ħin ta'l-eżamijiet.

▼B

*Artikolu 4*

Direttiva 72/168/KEE hija mħassra.

*Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma meħtieġa biex tīgi mħarsa din id-Direttiva sal-31 ta' Marzu 2004 l-aktar tard. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bihom fil-pront.

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn il-miżuri, għandhom jinkludu riferenza għal din id-Direttiva jew din ir-riferenza għandha tīgi mhemża fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-istati membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi domestika li jaddottaw fl-oqsma li jaqgħu taħt din id-Direttiva..

*Artikolu 6*

1. Meta, mad-dħul fis-seħħ ta'din id-Direttiva, ċerti varjetajiet ma ġewx aċċettati għall-inklużjoni fil-Katalogu Komuni tal-varjetajiet ta'l-ispeċi tal-ħaxix, u l-eżamijiet uffiċjali nbdew qabel dik id-data skond id-dispożizzjonijiet ta' jew

- (a) Direttiva 72/168/KEE jew
  - (b) il-linji gwida tal-CPVO mniżżla f'L-Anness I jew il-linji gwida tal-UPOV imniżżla f'L-Anness II, skond l-ispeċi,

il-varjetajiet konċernati jiġu meqjusa li jaderixxu l-ħtiġijiet ta'din id-Direttiva.

2. Paragrafu 1 japplika biss fejn il-provi jwasslu għall-konklużjoni li l-varjetajiet iħarsu r-regoli mniżżla jew f'

- (a) Direttiva 72/168/KEE jew fil-
  - (b) linji gwida tal-CPVO kif mniżżla f'L-Anness I jew fil-linji gwida tal-UPOV kif imniżżla f'L-Anness II, skond l-ispeċi.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' għurnata wara dik tal-publikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta'l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 8*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

**▼M6***ANNESS I***Lista ta' speċi msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) li għandhom jikkonformaw mal-protokolli ta' prova tas-CPVO**

| Isem xjentifiku   | Isem komuni  | Protokoll tas-CPVO     |
|---|--|------------------------|
| <i>Allium cepa</i> L. (il-grupp Cepa)                   | Basal u Ekaljun  | TP 46/2 tal-1.4.2009   |
| <i>Allium cepa</i> L. (il-grupp Aggregatum)             | Shallot  | TP 46/2 tal-1.4.2009   |
| <i>Allium fistulosum</i> L.                             | Basal tal-ġenieqed (Japanese bunching onion jew Welsh onion) | TP 161/1 tal-11.3.2010 |
| <i>Allium porrum</i> L.                                 | Kurrat   | TP 85/2 tal-1.4.2009   |
| <i>Allium sativum</i> L.                                | Tewm   | TP 162/1 tal-25.3.2004 |
| <i>Allium schoenoprasum</i> L.                          | Kurrat selvaġġ   | TP 198/1 tal-1.4.2009  |
| <i>Apium graveolens</i> L.                              | Karfus   | TP 82/1 tat-13.3.2008  |
| <i>Apium graveolens</i> L.                              | Kraħes   | TP 74/1 tat-13.3.2008  |
| <i>Asparagus officinalis</i> L.                         | Asparagu   | TP 130/2 tas-16.2.2011 |
| <i>Beta vulgaris</i> L.                                 | Pitravi inkluża l-pitrava ta' Cheltenham                     | TP 60/1 tal-1.4.2009   |
| <i>Brassica oleracea</i> L.                             | Kaboċċa mberfla  | TP 90/1 tas-16.2.2011  |
| <i>Brassica oleracea</i> L.                             | Pastard  | TP 45/2 tal-11.3.2010  |
| <i>Brassica oleracea</i> L.                             | Brokkli li qed inibbet jew Kalabriż                          | TP 151/2 tal-21.3.2007 |
| <i>Brassica oleracea</i> L.                             | Brussels sprouts   | TP 54/2 tal-1.12.2005  |
| <i>Brassica oleracea</i> L.                             | Ġidra  | TP 65/1 tal-25.3.2004  |
| <i>Brassica oleracea</i> L.                             | Kaboċċa mfelfla (savoy), Kaboċċa bajda u Kaboċċa ħamra       | TP 48/3 tas-16.2.2011  |
| <i>Brassica rapa</i> L.                                 | Kaboċċa Ċiniża   | TP 105/1 tat-13.3.2008 |
| <i>Capsicum annuum</i> L.                               | Bżar aħmar jaħraq jew Bżar                                   | TP 76/2 tal-21.3.2007  |
| <i>Cichorium endivia</i> L.                             | Indivja tal-werqa mibruma u Indivja tal-werqa sempliċi       | TP 118/2 tal-1.12.2005 |
| <i>Cichorium intybus</i> L.                             | Ċikwejra industrijali  | TP 172/2 tal-1.12.2005 |
| <i>Cichorium intybus</i> L.                             | Ċikwejra witloof   | TP 173/1 tal-25.3.2004 |
| <i>Citrullus lanatus</i> (Thunb.) Matsum. et Nakai      | Dulliegħ   | TP 142/1 tal-21.3.2007 |
| <i>Cucumis melo</i> L.                                  | Bettieħ  | TP 104/2 tal-21.3.2007 |
| <i>Cucumis sativus</i> L.                               | Ħjara u Ħjara żgħira għall-immarinat (Gherkin)               | TP 61/2 tat-13.3.2008  |
| <i>Cucurbita pepo</i> L.                                | Qargħa bagħli jew Zukkini                                    | TP 119/1 tal-25.3.2004 |
| <i>Cynara cardunculus</i> L.                            | Qaqoċċ tond u Kardun   | TP 184/1 tal-25.3.2004 |
| <i>Daucus carota</i> L.                                 | Karrotti u Karrotti għall-ġħalf                              | TP 49/3 tat-13.3.2008  |
| <i>Foeniculum vulgare</i> Mill.                         | Bużbież  | TP 183/1 tal-25.3.2004 |
| <i>Lactuca sativa</i> L.                                | Ħass   | TP 13/5 tas-16.2.2011  |
| <i>Lycopersicon esculentum</i> Mill.                    | Tadama   | TP 44/3 tal-21.3.2007  |
| <i>Petroselinum crispum</i> (Mill.) Nyman ex A. W. Hill | Tursin   | TP 136/1 tal-21.3.2007 |
| <i>Phaseolus coccineus</i> L.                           | Fażola ta' Spanja  | TP 9/1 tal-21.3.2007   |
| <i>Phaseolus vulgaris</i> L.                            | Fażola żgħira ta' Franzia u Fażola tixxeblek ta' Franzia     | TP 12/3 tat-1.4.2009   |
| <i>Pisum sativum</i> L. (partim)                        | Piżelli mkemmxa, Piżelli tonda u Piżelli ħelwa (sugar pea)   | TP 7/2 tal-11.3.2010   |

**▼M6**

| Isem xjentifiku                          | Isem komuni                              | Protokoll tas-CPVO           |
|--|--|------------------------------|
| <i>Raphanus sativus</i> L.               | Rravanell                                | TP 64/1 tas-27.3.2002        |
| <i>Solanum melongena</i> L.              | Brunġiel                                 | TP 117/1 tat-13.3.2008       |
| <i>Spinacia oleracea</i> L.              | Spinaċi                                  | TP 55/3 tal-11.3.2010        |
| <i>Valerianella locusta</i> (L.) Laterr. | Insalata tal-qamħ jew Insalata tal-ħaruf | TP 75/2 tal-21.3.2007        |
| <i>Vicia faba</i> L. (partim)            | Ful kbir                                 | TP Broadbean/1 tal-25.3.2004 |
| <i>Zea mays</i> L. (partim)              | Qamħ ħelu u Popkorn                      | TP 2/3 tal-11.3.2010         |

It-test ta' dawn il-protokolli jinsab fuq il-websajt tas-CPVO ([www.cpvo.europa.eu](http://www.cpvo.europa.eu)).

**▼M6***ANNESS II***Lista ta' speċi msemija fl-Artikolu 1(2)(b) li għandhom jikkonformaw mal-linji gwida ta' prova tal-UPOV**

| Isem xjentifiku                  | Isem komuni                                | Linja gwida tal-UPOV                 |
|----------------------------------|--|--------------------------------------|
| <i>Beta vulgaris</i> L.          | Pitravi tal-ispinaċi jew Chard             | TG/106/4 tal-31.3.2004               |
| <i>Brassica rapa</i> L.          | Nevew                                      | TG/37/10 tal-4.4.2001                |
| <i>Cichorium intybus</i> L.      | Ċikwejra b'weraq kbir jew Ċikwejra Taljana | TG/154/3 tat-18.10.1996              |
| <i>Cucurbita maxima</i> Duchesne | Qargħa tat-tip gourd                       | TG/155/4rev tat-28.3.2007 + 1.4.2009 |
| <i>Raphanus sativus</i> L.       | Ravanell iswed                             | TG/63/6 tal-24.3.1999                |
| <i>Rheum rhabarbarum</i> L.      | Rubarbru                                   | TG/62/6 tal-24.3.1999                |
| <i>Scorzonera hispanica</i> L.   | Scorzonera jew Salsafja sewda              | TG/116/4 tal-24.3.2010               |

It-test ta' dawn il-linji gwida jinsab fil-websajt tal-UPOV ([www.upov.int](http://www.upov.int)).